



*Dokument ta' sessjoni*

**B9-0156/2024**

26.2.2024

## **MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI**

imressqa wara d-dikjarazzjoni tal-Viċi President tal-Kummissjoni/Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà

skont l-Artikolu 132(2) tar-Regoli ta' Proċedura

dwar il-ħtieġa ta' appoġġ sod għall-Ukrajna, wara sentejn ta' gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna (2024/2526(RSP))

**Petras Auštrevičius, Malik Azmani, José Ramón Bauzá Díaz, Fabio Massimo Castaldo, Olivier Chastel, Bernard Guetta, Engin Eroglu, Vlad Gheorghe, Martin Hojsík, Karin Karlsbro, Michael Kauch, Moritz Körner, Georgios Kyrtatos, İlhan Kyuchyuk, Nathalie Loiseau, Karen Melchior, Józef Mihál, Javier Nart, Jan-Christoph Oetjen, Urmas Paet, Dragoş Pîslaru, Catharina Rinzema, Ramona Strugariu, María Soraya Rodríguez Ramos, Dragoş Tudorache, Hilde Vautmans, Michal Wiezik f'isem il-Grupp Renew**

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew dwar il-ħtieġa ta' appoġġ sod għall-Ukrajna, wara sentejn ta' gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna  
(2024/2526(RSP))**

*Il-Parlament Ewropew,*

- wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet preċedenti tiegħu dwar l-Ukrajna, b'mod partikolari mindu eskalat il-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna fi Frar 2022,
  - wara li kkunsidra t-telf tal-ħajja umana u l-qedda fl-Ukrajna,
  - wara li kkunsidra l-kundanna internazzjonali mifruxa tal-gwerra illegali tar-Russja kontra l-Ukrajna,
  - wara li kkunsidra l-appoġġ u l-assistenza bla preċedent ipprovdu mill-UE u mill-Istati Membri lill-Ukrajna,
  - wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni tal-20 ta' Ġunju 2023 għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-Faċilità għall-Ukrajna (COM(2023)0338),
  - wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni konġunta tas-16 ta' Jannar 2024 mill-mexxejja ta' ġħumes gruppi politiċi fil-Parlament Ewropew dwar l-appoġġ militari lill-Ukrajna, u d-dikjarazzjoni tagħhom tal-31 ta' Jannar 2024 li tistieden lill-EUCO biex jassisti lill-Ukrajna,
  - wara li kkunsidra l-għaqda u l-politiki tal-UE bħala reazzjoni għall-gwerra fl-Ukrajna,
  - wara li kkunsidra l-aspirazzjonijiet tal-Ukrajna li tissieħeb mal-Unjoni Ewropea, l-istatus kandidat tagħha u l-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u l-Ukrajna, min-naħħa l-oħra<sup>1</sup>, u ż-Żona ta' Kummerċ Ħieles Approfondita u Komprensiva li jakkumpanjaha bejn l-Unjoni Ewropea u l-Ukrajna,
  - wara li kkunsidra l-Artikolu 132(2) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- A. billi għaddew sentejn minn mindu r-Russja bdiet mill-ġdid il-gwerra mhux ipprovokata, inġustifikata u illegali tagħha ta' aggressjoni kontra l-Ukrajna fl-24 ta' Frar 2022, li biddlet b'mod fundamentali s-sitwazzjoni ġeopolitika u li thedded l-istruttura tas-sigurtà fl-Ewropa, b'implikazzjonijiet estensivi għall-Unjoni Ewropea nnifisha; billi l-Ukrajna ilha tbati mill-aggressjoni tar-Russja għal 10 snin, li bdiet bl-okkupazzjoni tal-Krimea fi Frar 2014 u l-okkupazzjoni sussegwenti ta' partijiet mir-reġjuni ta' Donetsk u Lugansk aktar tard dik is-sena;
- B. billi l-Ukrajna u ċ-ċittadini tagħha wrew determinazzjoni soda fir-reżistenza tagħhom kontra l-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja, u ddefendew b'suċċess lil pajjiżhom,

<sup>1</sup> ĠU L 161, 29.5.2014, p. 3.

minkejja li ħallsu prezz qares mil-lat ta' mwiet u korimenti ċivili u militari, flimkien mal-qedha u l-użu bħala arma ta' infrastruttura ċivili u pubblika, tal-ambjent naturali u ta' patrimonju kulturali; billi fl-2022 il-poplu kuraġġuż tal-Ukrajna ngħata l-premju Sakharov bħala rikonoxximent għall-kuraġġ u għar-reżiljenza tiegħu;

- C. billi l-forzi tar-Russja kienu qed ikomplu jwettqu attakki indiskriminati fuq żoni residenzjali u infrastruttura ċivili, li rriżultaw fl-imwiet ta' eluf ta' ċivili Ukrenej, f'deportazzjonijiet u f'għajbien furzat, fil-priġunieri illegali u fit-tortura ta' ċittadini Ukrenej fir-Russja u fit-territorji tal-Ukrajna okkupati mir-Russja, u atti ta' terroriżmu fil-pajjiż kollu, inkluż l-użu ta' vjolenza sesswali u stupru tal-massa bħala arma tal-gwerra;
- D. billi r-Rapporteur Speċjali tan-NU dwar it-Tortura u Trattament jew Pieni Krudili, Inuman iew Degradanti oħra ġie allarmat b'rapporti u testimonjanzi li jindikaw kundizzjonijiet ta' detenzjoni inumani tal-popolazzjoni ċivili u tal-priġunieri tal-gwerra Ukrenej miżmuma mir-Russja, inkluż it-tortura u n-nuqqas ta' kura medika, li jirriżultaw fi ħsara permanenti lil saħħithom; billi hemm każijiet magħrufa ta' militari Russi li joqtlu suldati Ukrenej minnflok ma jeħduhom il-ħabs, inklużi dawk li ġew irrapportati l-aktar reċentement fl-24 ta' Frar 2024 fiż-żona ta' Bakhmut; billi fl-2022 aktar minn 50 priġunier tal-gwerra Ukrenej, fil-maġġoranza membri tal-Battaljun Azov, inqatlu deliberatamente fi splużjoni premeditata fil-ħabs ta' Olenivka;
- E. billi, skont l-istimi konservattivi tal-Missjoni ta' Monitoraġġ tad-Drittijiet tal-Bniedem tan-Nazzjonijiet Uniti fl-Ukrajna, kważi sentejn minn mindu seħħet l-invażjoni fuq skala kbira tar-Russja fl-Ukrajna, aktar minn 10 000 persuna ċivili nqatlu u kważi 20 000 persuna ċivili sfaw midruba, filwaqt li l-Uffiċċju tal-Kummissarju Għoli tan-Nazzjonijiet Uniti għad-Drittijiet tal-Bniedem (OHCHR) jemmen li ċ-ċifri reali huma konsiderevolment oħla;
- F. billi, skont l-Iskola tal-Ekonomija ta' Kiev, f'Jannar 2024, il-ħsarat dokumentati diretti kkawżati fuq l-infrastruttura tal-Ukrajna mir-Russja jammontaw għal USD 155 biljun; billi skont l-istess stima, bil-valur ta' USD 58,9 biljun, l-istokk tad-djar jibqa' fl-ewwel post f'termini ta' ħsara, bi kważi 250 000 binja li ġarrbu ħsara jew inquerdu, filwaqt li l-ħsara lill-infrastruttura laħqet iċ-ċifra ta' USD 36,8 biljun u l-ħsara diretta lill-industrija u lin-negozji laħqet iċ-ċifra ta' USD 13,1-il biljun;
- G. billi r-Russja ttrasferiet bil-forza eluf ta' tfal Ukrenej lejn żoni taħt il-kontroll tagħha, assenjathom ċittadinanza Russa, tathom għall-adozzjoni furzata f'familji Russi u ħolqot ostakli biex jerġgħu jingħaqdu mal-ġenituri u pajjiżhom; billi fis-17 ta' Marzu 2023, il-Qorti Kriminali Internazzjonali hāġet mandati ta' arrest għall-President tar-Russja, Vladimir Putin, u l-Kummissarju tar-Russja għad-Drittijiet tat-Tfal, Maria Lvova-Belova, bl-allegazzjoni ta' responsabbiltà għad-delitt tal-gwerra ta' deportazzjoni illegali u t-trasferiment tal-popolazzjoni (tfal) minn żoni okkupati tal-Ukrajna lejn ir-Russja;
- H. billi r-Russja qed tkompli wkoll il-gwerra tagħha fuq il-kamp tal-battalja tal-informazzjoni, u qed tfitteż li tiġġustifika dan billi tikteb mill-ġdid l-istorja u xixerred gideb infondat biex tagħti isem ħażin lill-Ukrajna u titfa' dubju fuq id-dritt tagħha li teżisti barra mill-influwenza tar-Russja; billi l-awtoritat jiet Russi varaw mezzi mingħajr

preċedent biex ixerrdu dawn in-narrattivi foloz, kif ukoll kontijiet qarrieqa tal-iżviluppi militari fl-Ukrajna u fit-territorju tal-Ukrajna okkupat mir-Russja, f'tentattivi intenzjonati skop biex jimmanipulaw l-opinjoni pubblika fl-Ewropa u fir-Russja;

- I. billi l-Unjoni Ewropea u ħafna mill-membri tagħha ħadu miżuri biex irażżu d-diżinformazzjoni u t-theddid ibridu, b'mod partikolari billi adottaw projbizzjoni fuq ix-xandir fl-UE minn mezzi Russi tal-Istat, li xi wħud minnhom, madankollu, għadhom jużaw l-operaturi Ewropej tas-servizzi satellitari; billi r-Russja infurzar repressjoni domestika biex issikket kwalunkwe diskussjoni dwar il-gwerra illegali tagħha ta' aggressjoni fost il-popolazzjoni tagħha stess, sabiex twaqqaf l-oppożizzjoni interna għaliha;
- J. billi l-Ukrajna, bħala Stat indipendenti u sovran, tgawdi mid-dritt fundamentali li tiddetermina l-futur tagħha stess, inkluża l-libertà li tagħżel l-alleanzi u l-politiki tagħha, u li ssegwi l-interessi nazzjonali tagħha f'konformità mar-rieda tal-poplu Ukren;
- K. billi Ukrajna b'saħħitha, demokratika, stabbli u indipendenti hija vitali għall-istabbiltà taż-żona Ewro-Atlantika, u kruċjali għat-trawwim tal-paċi u l-istabbiltà globali, u għad-difiża tal-prinċipji tad-demokrazija u tal-legalità internazzjonali;
- L. billi l-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja wasslet biex l-Ukrajna ssir eqreb tal-Unjoni Ewropea, u l-Ukrajna issa hija pajjiż kandidat għall-adeżjoni mal-UE u rċeviet appoġġ enormi f'diversi setturi mill-UE, inkluża assistenza militari mingħajr preċedent;
- M. billi mill-bidu tal-gwerra l-UE adottat 13-il pakkett ta' sanzjonijiet u ħolqot rwol ġdid ta' Mibgħut Speċjali Internazzjonali għall-Implimentazzjoni tas-Sanzjonijiet tal-UE, inkarigat speċifikament biex jindirizza l-evażjoni u ċ-ċirkomvenzjoni ta' sanzjonijiet immirati lejn ir-Russja u l-Belarussja bħala r-rappreżtant tagħha;
- N. billi l-istituzzjonijiet tal-UE reċentement laħqu ftehim biex jistabbilixxu Faċilità għall-Ukrajna ta' EUR 50 biljun, li se tipprovd finanzjament stabbli u sostenibbi għall-perjodu 2024-2027 biex tappoġġja l-irkupru, ir-rikostruzzjoni u l-modernizzazzjoni tal-Ukrajna, inklużi riformi ewlenin meħtieġa fit-triq tagħha lejn l-adeżjoni mal-UE;
- O. billi l-Ukrajna wriet progress sinifikanti fl-avvanz ta' riformi kruċjali u turi impenn ċar għall-integrazzjoni mal-UE u man-NATO u mal-valuri fundamentali Ewropej;
- P. billi l-impenn li ħadu f'Versailles il-Kapijiet ta' Stat jew ta' Gvern fil-11 ta' Marzu 2022 biex isaħħu l-kapaċitajiet tad-difiża Ewropej fid-dawl tal-aggressjoni militari tar-Russja kontra l-Ukrajna, wara linja ta' azzjoni strateġika li għandha l-għan li ssaħħaħ il-kapaċitā tal-Unjoni li taġixxi awtonomament fil-qasam tad-difiża b'mod komplementari mal-Organizzazzjoni tat-Trattat tal-Atlantiku tat-Tramuntana (NATO), u d-dikjarazzjonijiet li għamlu dan l-aħħar il-membri tal-Kunsill Ewropew u tal-Kummissjoni, b'mod partikolari fil-kuntest tal-Konferenza reċenti ta' Munich dwar is-Sigurtà, relatata mal-importanza ta' qabżha Ewropea fid-dawl tar-reġim tal-Kremlin, il-ħtieġa li jissaxxha il-pilastru Ewropew tan-NATO u li jiġu żviluppati b'mod konġunt l-industriji tad-difiża tagħna fuq perjodu twil, billi tintalab mobilizzazzjoni wiesgħa fil-livell Ewropew f'termini ta' rieda u riżorsi;
- Q. billi fit-13 ta' Frar 2024, Maksim Kuzminov, ex bdot Russu tal-ħelikopters li fl-2023

ħarab lejn l-Ukrajna, instab mejjet fi Spanja, maqtul minn irġiel li, skont rapporti, intbagħtu mill-Gvern Russu; billi matul l-aħħar fit-deċennji, is-servizzi tal-intelligence Russi wettqu għadd ta' operazzjonijiet sigrieti oxxeni, inkluż qtil, fit-territorju tal-UE;

1. Itenni s-solidarjetà tiegħu mal-poplu kuraġġuż tal-Ukrajna u jagħtiż ġieħ, minħabba li qiegħed jiddefendi b'kuraggiż is-sovranità, l-indipendenza u l-integrità territorjali ta' pajjiżu; jirrikonoxxi u jfaħħar il-kontribut sinifikanti tal-Ukrajna għas-sigurtà taż-żona Ewro-Atlantika u d-difiża tal-valuri tagħha permezz tar-reżistenza kontra l-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja;
2. Itenni l-kundanna tiegħu bl-aktar mod qawwi possibbli fir-rigward tal-gwerra ta' aggressjoni mhux provokata, illegali u inguġistifikata tar-Russja kontra l-Ukrajna, u jistieden lir-Russja ttemm minnufih kull attivită militari fl-Ukrajna, u tirtira mingħajr kundizzjonijiet kull forza u tagħmir militari mit-territorju kollu rikonoxxut fuq livell internazzjonali tal-Ukrajna;
3. Jafferma mill-ġdid id-determinazzjoni tiegħu li jkompli jappoġġja lill-Ukrajna sar-restawr u l-kontroll sħaħ tal-fruntieri tagħha rikonoxxuti internazzjonalment u matul il-proċess kollu tal-irkupru u r-rikostruzzjoni tal-Ukrajna;
4. Jirrikonoxxi r-reżiljenza u d-determinazzjoni murija mill-poplu Ukren fl-insegwiment tal-valuri demokratiċi, l-isforzi ta' riforma u l-aspirazzjonijiet għal integrazzjoni fil-komunità Ewro-Atlantika ta' nazzjonijiet;
5. Iħeġġeġ lill-UE u lill-Istati Membri jipprovdu aktar appoġġ u assistenza lill-Ukrajna fi triqitha lejn l-adeżjoni, inkluż l-għarfien espert tekniku, il-bini tal-kapaċitajiet u r-riformi istituzzjonali meħtieġa biex jiġi ssodisfati l-kriterji tal-adeżjoni;
6. Itenni l-appell tiegħu lill-Kummissjoni, lill-Viċi President tal-Kummissjoni/Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà u lill-Istati Membri biex jappoġġjaw il-miżuri kollha, inkluż l-istabbiliment ta' tribunal speċjali, biex jiġi żgurat obbligu ta' rendikont shiħi għad-delitti mwettqa matul il-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna, b'mod speċjali d-delitt ta' aggressjoni, id-delitti tal-gwerra u d-delitti kontra l-umanità; jilqa' l-istabbiliment ta' Ċentru Internazzjonali għall-Prosekuzzjoni tad-Delitt ta' Aggressjoni fl-Ukrajna (ICPA) f'The Hague; jilqa' l-kooperazzjoni bejn il-Eurojust, il-Europol, l-Istati Membri u l-awtoritajiet Ukreni biex jassistu f'dawk li huma sforzi biex tinġabar evidenza u jiġu investigati d-delitti tal-gwerra mwettqa mill-forzi Russi fit-territorju Ukren;
7. Itenni l-kundanna tiegħu għad-deportazzjoni bil-forza ta' persuni ċivili Ukreni lejn ir-Russja, lejn territorji tal-Ukrajna okkupati temporanġament mir-Russja, u lejn il-Belarussja; jistieden lill-Istati u lill-organizzazzjonijiet internazzjonali kollha biex jagħmlu pressjoni fuq ir-Russja biex tirritorna l-persuni ċivili Ukreni kollha deportati bil-forza u miżmuma illegalment, speċjalment it-tfal, inklużi l-fdalijiet ta' dawk kollha li mietu fil-ħabs; iħeġġeġ lill-UE u lill-Istati Membri tagħha jintensifikaw it-tfittxija għal mekkaniżmi li jaġevolaw il-ħelsien ta' persuni ċivili Ukreni miżmuma illegalment mir-Russja, inkluż permezz ta' mekkaniżmi tan-NU;
8. Itenni l-kundanna tiegħu għad-deportazzjoni furzata ta' eluf ta' tfal Ukreni lejn ir-Russja, lejn territorji tal-Ukrajna okkupati temporanġament mir-Russja, u lejn il-

Belarussja; jikkundanna bil-qawwa l-assenjazzjoni illegali taċ-ċittadinanza Russa lil dawk it-tfal u l-adozzjoni illegali tagħhom; iħeġġeġ lill-UE u lill-Istati Membri tagħha jintensifikaw l-isforzi tagħhom biex jaġevolaw ir-ritorn ta' dawk it-tfal; jitlob lill-UE u lill-Istati Membri jappoġġjaw l-isforzi biex dawk kollha responsabbi għall-organizzazzjoni tad-deportazzjoni illegali u t-trasferiment furzat tat-tfal Ukreni jinżammu responsabbi f'konformità mad-dritt internazzjonali; jistieden lill-Kunsill u lis-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna (SEAE) jimponu sanzjonijiet immirati fl-ambitu tar-Reġim Globali ta' Sanzjonijiet tal-UE b'rabta mad-Drittijiet tal-Bniedem<sup>2</sup> kontra l-individwi responsabbi għat-trasferiment furzat u għall-adozzjoni illegali tat-tfal Ukreni;

9. Jikkundanna t-tortura u l-qtıl intenzjonati tal-priġunieri tal-gwerra Ukreni min-naħħa Russa; jappella għal investigazzjoni indipendenti dwar tali delitti, u l-prosekuzzjoni tagħhom, u jappella għal aktar sforzi biex jiġu skambjati priġunieri bejn l-Ukrajna u r-Russja;
10. Itenni t-tħassib kontinwu tiegħu dwar is-sitwazzjoni fl-impjant tal-enerġija nukleari (NPP) ta' Zaporizhzhia, li huwa okkupat u kkontrollat illegalment mill-Federazzjoni Russa, u jservi bħala sit għall-iskjerament militari tar-Russja; jappoġġja l-isforzi biex tinżamm preżenza kontinwa tal-Aġenċija Internazzjonali tal-Enerġija Atomika fl-NPP ta' Zaporizhzhia; jissottolinja l-importanza li jissaħħa il-qafas internazzjonali għall-protezzjoni tal-faċilitajiet nukleari ddedikati għal skopijiet paċifiċi, inkluż matul kunflitti armati; ifakk u jikkundanna l-azzjonijiet tar-Russja li għamlu ħsara serja lill-ambjent fl-Ukrajna, inkluż il-qedda tad-diġa ta' Kakhovka, il-qtugħ tas-sigħar għall-injam tal-foresti Ukreni, it-tħaffir estensiv fil-minjieri u l-kontaminazzjoni tar-riżorsi tal-arja u tal-ilma; itenni t-tħassib serju tiegħu dwar l-impatt ambjentali usa' u fit-tul tal-gwerra;
11. Jikkundanna l-intenzjoni tar-Russja li torganizza elezzjonijiet presidenzjali fit-territorji okkupati temporanġament tal-Ukrajna bejn il-15 u s-17 ta' Marzu 2024, u jissottolinja li mhuwiex se jirrikonoxxi r-riżultati ta' dawn l-elezzjonijiet illegali;
12. Itenni l-appell tiegħu lill-Istati Membri biex jadottaw pakketti ta' sanzjonijiet sostanzjali ulterjuri kontra r-Russja u l-alleati tagħha, b'mod partikolari l-Belarussja, sabiex tiddgħajjef b'mod strateġiku l-kapaċità tal-gwerra tar-Russja; jappella għal restrizzjonijiet fil-pront u komprensivi fuq l-importazzjoni taż-żejt, tal-fjuwil nukleari u tal-gass Russu, inkluż il-gass naturali likwifikat; jikkundanna l-imġiba tal-istati, tal-entitajiet u tal-individwi li jgħinu lir-Russja tevita s-sanzjonijiet tal-UE; itenni l-appell tiegħu lill-Kummissjoni, lis-SEAE u lill-Istati Membri biex jiżviluppaw mekkaniżmu ta' prevenzjoni ta' ċirkomvenzjoni tas-sanzjonijiet; itenni l-appell tiegħu lill-kumpaniji Ewropej biex jirtiraw l-operazzjonijiet tagħhom mir-Russja; jistieden lill-Istati Membri jieħdu miżuri partikolari biex jevitaw li prodotti ta' teknoloġija avvanzata li qed jiġu esportati lejn pajjiżi mhux tal-UE jispiċċaw fir-Russja; jistieden lill-Istati Membri biex b'mod strett ħafna jwettqu l-prosekuzzjoni ta' individwi jew entitajiet li jipparteċipaw fiċ-ċirkomvenzjoni tas-sanzjonijiet tal-UE;
13. Jilqa' d-deċiżjoni reċenti tal-Kunsill li tiċċċara l-obbligi ta' Depożitorji Ċentrali tat-Titoli li għandhom assi u riżervi tal-Bank Ċentrali tar-Russja, li huma immobilizzati bħala

<sup>2</sup> Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2020/1998 tas-7 ta' Diċembru 2020 dwar miżuri restrittivi kontra ksur u abbużi serji tad-drittijiet tal-bniedem (ĠU L 410 I, 7.12.2020, p. 1).

konsegwenza tal-miżuri restrittivi tal-UE; itenni, madankollu, l-appell tiegħu lill-UE u lill-Istati Membri tagħha biex isibu perkorsi legali li jippermettu l-konfiska ta' assi Russi ffriżati u l-użu tagħhom għar-rikostruzzjoni tal-Ukrajna, u l-kumpens għall-vittmi tal-aggressjoni tar-Russja;

14. Jafferma mill-ġdid l-impenn tiegħu favur l-adeżjoni tal-Ukrajna mal-Unjoni Ewropea, ħaża li tirrappreżenta investiment ġeostrateġiku f'Ewropa magħquda u b'saħħitha; itenni l-appell tiegħu għall-integrazzjoni gradwali tal-Ukrajna fis-suq uniku tal-UE u fil-programmi settorjali, inkluż l-aċċess għall-fondi tal-UE fl-oqsma rispettivi; jappoġġja l-proposta tal-Kummissjoni biex tiġġedded is-sospensjoni tad-dazji fuq l-importazzjoni u l-kwoti fuq l-esportazzjonijiet Ukreni lejn l-UE; iħeġġeġ lill-Kummissjoni tindirizza kwalunkwe rapport ta' tfixxil fis-suq ikkawżat mill-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna u l-benefiċċi kummerċjali mogħtija lill-Ukrajna; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jipprev jenu kwalunkwe azzjoni unilaterali, bħall-imblokki tal-fruntieri, li jillimitaw l-aċċess tal-Ukrajna għas-suq uniku tal-UE;
15. Jissottolinja li l-proċess ta' adeżjoni sejkun ibbażat fuq il-mertu, u li l-metodoloġija mgħedda tat-tkabbir tagħmel enfasi fuq l-oqsma kruċjali tar-rispett għall-istat tad-dritt, għall-valuri fundamentali, għad-drittijiet tal-bniedem, għad-demokrazija u għall-ġlieda kontra l-korruzzjoni mill-bidu nett; jemmen bis-sħiħ li l-prospettiva soda u bbażata fuq il-mertu, ta' adeżjoni mal-UE għall-Ukrajna huwa fl-interessi politiċi, ekonomiċi u ta' sigurtà tal-Unjoni stess;
16. Jistieden lill-Kunsill u lill-Kummissjoni jistabbilixxu perkors ċar għan-negożjati ta' adeżjoni, li jiffoka fuq l-għoti ta' benefiċċi tanġibbli għas-soċjetà u għaċ-ċittadini Ukreni mill-bidu tal-proċess; jistieden lill-Kunsill jagħti l-kompli lill-Kummissjoni biex tippreżenta immedjatament proposti għall-qafas ta' negozjar rilevanti u tadottah ladarba jittieħdu l-passi rilevanti stabbiliti fir-rakkmandazzjonijiet rispettivi tal-Kummissjoni tat-8 ta' Novembru 2023;
17. Jissottolinja li l-UE jeħtiġilha tkompli u ssaħħa l-appoġġ finanzjarju, tekniku u politiku tagħha lill-Ukrajna sabiex tgħinha fl-integrazzjoni tagħha fl-UE u li l-Unjoni nnifisha jeħtiġilha twettaq ir-riformi meħtieġa fil-perspettiva ta' tkabbir futur;
18. Jilqa' l-ftehim dwar l-istabbiliment tal-Faċilità għall-Ukrajna u jappella għall-varar b'mod mgħaġġel tagħha; jenfasizza l-ħtieġa li l-UE u l-Istati Membri jkompli jeżaminaw toroq addizzjonali ta' appoġġ għall-Ukrajna; jesprimi dispjaċir għad-dewmien bla bżonn fl-approvazzjoni mill-Istati Uniti tas-segment li jmiss tal-assistenza meħtieġa b'mod urġenti lill-Ukrajna;
19. Jitlob li l-UE, l-Istati Membri u s-sħab tal-istess fehma jipprovdu assistenza politika, ekonomika, teknika u umanitarja komprensiva u kkoordinata biex jappoġġjaw ir-rikostruzzjoni u l-irkupru sostenibbi u inklużivi tal-Ukrajna wara l-gwerra, b'enfasi partikolari fuq ir-restawr tal-infrastruttura essenzjali, il-kura tas-saħħa, l-edukazzjoni u s-servizzi soċċjali; jappella biex l-UE u l-Istati Membri jkompli jipprovdu kuri mediċi u riabilitazzjoni, inkluż appoġġ psikoloġiku, lis-suldati u lill-persuni ċivili Ukreni midruba u li jkunu tilfu persuni qrib tagħhom; jappella għal attenzjoni kontinwa u appoġġ akbar għall-attivitajiet ta' tneħħija tal-mini fl-Ukrajna, u għal programm ta' tneħħija tal-mini fit-tul;

20. Iqis li l-appoġġ militari lill-Ukrajna mill-UE u mill-Istati Membri, għalkemm jammonta għal madwar EUR 28 biljun, ma kienx bizzżejjed fil-kwalità u fil-volum biex jippermetti lill-Ukrajna tegħleb lir-Russja; iħeġġeġ, għalhekk, lill-UE u lill-Istati Membri, flimkien mas-sħab tal-istess fehma tagħhom, biex iżidu l-produzzjoni, l-akkwist konġunt u l-konsenja tal-armi u l-munizzjon meħtieġa mill-Ukrajna, inkluż it-tagħmir għad-difiża tal-ajru, u jsaħħu l-kooperazzjoni militari mal-Ukrajna, inkluż permezz tal-forniment ta' kapaċitajiet akbar, tħarriġ imfassal apposta, produzzjoni konġunta u bini tal-kapaċitajiet; itenni l-appoġġ tiegħu għall-espansjoni sostanzjali ta' dawn il-miżuri u għall-ħtieġa li jsir użu sħiħ mill-Faċilità Ewropea għall-Paċi (EPF) li teħtieġ finanzjament fit-tul; jiddenzunzja l-fatt li minn Awwissu 2023, Stat Membru partikolari ilu jimblokka mit-tmien segment ta' għajnejna militari lill-Ukrajna, permezz tal-EPF; iħeġġeġ lill-UE u lill-Istati Membri jesploraw modi addizzjonali biex jimmobilizzaw ir-riżorsi finanzjarji tal-UE għad-difiża; jitlob lill-UE u lill-Istati Membri jżidu b'mod sinifikanti l-isforzi tagħhom biex jiżviluppaw l-awtonomija strateġika tal-UE, b'mod partikolari fit-tiġħiha tal-kapaċitajiet tad-difiża tal-UE f'kooperazzjoni man-NATO, u fl-iż-żvilupp ta' politika barranija tal-UE aktar koerenti u li tkalli impatt akbar; jitlob lill-UE u lill-Istati Membri jissanzjonaw b'mod aktar effettiv iċ-ċirkomvenzjoni tal-kontrolli tal-esportazzjoni tal-merkanċija militari u b'użu doppju;
21. Itenni l-pożizzjoni tiegħu li r-rappreżentanti tal-awtonomija lokali u tas-soċjetà ċivili fl-Ukrajna jeħtiġilhom ikunu involuti b'mod attiv fil-proċess ta' rkupru u rikostruzzjoni u li dan il-proċess irid jissodisfa l-ogħla standards ta' trasparenza u obbligu ta' rendikont;
22. Jistieden lill-Kummissjoni, lis-SEAE u lill-Istati Membri jsaħħu l-komunikazzjoni strateġika u jipprovdu informazzjoni rilevanti dwar il-benefiċċi u l-opportunitajiet reċiproċi tat-tkabbir kemm fl-Ukrajna kif ukoll fl-Istati Membri sabiex ikomplu jżidu l-appoġġ u jtejbu l-fehim tal-proċess ta' adeżjoni; jistieden lill-Kummissjoni, lis-SEAE u lill-Istati Membri jtejbu l-viżibbiltà tal-finanzjament tal-UE u r-riżultati tanġibbli tiegħu fl-Ukrajna; jinsisti li l-UE u s-soċjetà ċivili Ukreña jaqdu rwol attiv fl-implementazzjoni ta' dawn l-objettivi;
23. Jitlob lill-UE u l-Istati Membri jaħdmu b'mod strateġiku u proattiv biex jiġi għieldu t-theddid ibridu u jipprevjenu l-indħil tar-Russja u l-aġenti tagħha fil-Punent fil-proċessi politiċi, elettorali u demokratiċi oħra fl-Ukrajna u fl-UE, b'mod partikolari l-atti malizzju li jkollhom l-għan li jimmanipulaw l-opinjoni pubblika u jdgħajfu l-integrazzjoni Ewropea;
24. Jikkundanna l-qtil ta' Maksim Kuzminov fi Spanja; jistieden lill-Istati Membri jirrispondu minnufih u b'determinazzjoni għall-azzjonijiet ta' tfixxil mis-servizzi tal-intelligence Russa fit-territorju tal-UE, u jsolvuhom; jirrakkomanda li l-Istati Membri jsaħħu l-kooperazzjoni ta' counter-intelligence u l-kondiċijni tal-informazzjoni;
25. Jinnota li, minkejja l-affermazzjoni tat-tmexxija Russa dwar il-ftuħ għan-negożjati, l-indifferenza sfaċċata tar-Russja għal normi u ftehimiet stabbiliti, u l-ksur tagħhom, li għalihom kienet impenjat ruħha, xekklet b'mod sinifikanti l-affidabbiltà tar-reġim attwali f'Moska u, b'rīżultat ta' dan, il-fattibbiltà tal-involviment f'negożjati sinifikattivi magħha;
26. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill,

lill-Kummissjoni, lill-Viċi President/Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà, lill-gvernijiet u lill-parlamenti tal-Istati Membri, u lill-President, lill-Gvern u lill-Verkhovna Rada tal-Ukrajna.